MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 1289/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**MATTHEW CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Camilleri ta’ 19-il sena, imwieled Pieta’, fis-16 ta’ Novembru 1986, iben Joseph u Emanuela xebba Montebello u li joqghod 313, Flat 2, ‘Paradise’, Triq San Albert, Gzira detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 529286(M) gie akkuzat:

Talli fl-10 ta' Settembru 2006 ghall-habta tal-11.30 am gewwa The Strand, Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Mangion minn tas-Sliema liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem u/jew gabet sfregju gravi u permanenti f'xi parti tal-gisem u dana bi ksur ta' l-artikolu 226 (1) a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara nvolontarja fuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni GIL-555, liema valur jeccedi l-hames mitt lira Maltin ghad-dannu ta' Mario Mangion minn tas-Sliema u fuq il-vettura JMS-450 tat-tip Smart ghad-dannu ta' Joseph Zammit minn San Pawl il-Bahar.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Smart bin-numru ta' registrazzjoni JMS-450 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' tat-Trasport taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma kienx kopert b'Polza ta' l-Assigurazzjoni tas-Sigurta' dwar ir-riskji ghal terzi persuni.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMS-450 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fit-triq jew f'post pubbliku, saq jew ipprova jsuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMS-450 wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

Kif ukoll akkuzat talli hu ricediv fuq sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita, tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-istess Matthew Camilleri ghal perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MS3 u nnutat li l-imputat Matthew Camilleri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 226(1)(a), 328(b), 17, 49 u 50 tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a), 15A u 15B tal-Kap. 65, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u ir-Regolamenti 14(1) u 51(7)(a) tal-A. L. 476/2004.

Tirrileva li l-hames (5) akkuza hi assorbita fis-sitt (6) akkuza.

Issib lill-imputat Matthew Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tenera tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li qieset li l-hames (5) akkuza hi assorbita fis-sitt (6) akkuza, tikkundanna lill-imputat Matthew Camilleri ghall-piena komplessiva ta' tlett elef u sitt mitt Liri Maltin (Lm3600) multa.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta tiskwalifika lill-imputat Matthew Camilleri milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------